**28 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Pauline Manchè

*versus*

Joseph Farrugia *et*

***Cautio Iuratoria* - Elementi ta' - Stat Finanzjarju - *Probabilis Causa Litigandi* - Artikoli 249, 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**

*Il-Qorti ta' l-Appell kienet sodisfatta illi minhabba l-istat finanzjarju tagħha, l-appellanti ma kinix f'posizzjoni li tiddepożita l-ammont tal-kawtela ta' l-appell kif ukoll li l-appellanti kellha* probabilis causa litigandi *u għalhekk ammettietha għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament a tenur ta' l-artikolu 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

Il-Qorti:-

F'dan l-istadju għandha qabel xejn tiġi deċiża talba ta' l-appellanti biex tiġi ammessa għall-*cautio iuratoria* stante li ma kinitx f'qagħda finanzjarja li taffronta d-depożitu ta' l-ammont determinat mir-Reġistratur in kawtela ta' l-ispejjeż ta' dan l-appell, kif lanqas ma kienet f'posizzjoni li tipproduċi garanzija *idonea u adegwata għall-istess. Jiġi nnotat li l-ammont tal-*kawtela hu veru wieħed moderat ta' Lm170, imma billi fid-dinja kollox hu relattiv, mhux esklużi li anke dan l-ammont jista' f'ċirkostanzi kongruwi jkun lil hinn mill-possibilitajiet ta' l-appellanti. *Multo magis* meta wieħed iqis illi dan l-ammont kellu jinstab fi żmien relattivament qasir;

Il-Qorti hi nfatti sodisfatta, wara li semgħet lill-appellanti bil-ġurament, illi dan kien wieħed minn dawk il-każijiet fejn l-appellanti, *minħabba ċirkostanzi familjari sfortunati, ma kinitx* f'posizzjoni li taffettwa d-depożitu ta' l-ammont stabbilit. Jirriżulta li l-appellanti, illum separata minn żewġha, hi fi stat ta' kważi indiġenza u tgħix bl-għajnuna soċjali. Apparti dan jirriżulta wkoll li l-appellanti għandha dejn mad-Dipartment tas-Sigurtà Soċjali li qed tħallsu bir-rati. Din il-Qorti hi għalhekk sodisfatta illi l-appellanti mhix f'posizzjoni li tiddepożita l-ammont in kawtela għax m'għandhiex il-mezzi finanzjarji, kif ukoll mhix f'qagħda li ġġib garanzija idonea skond kif dispost fl-artikolu 249 (1) tal-Kap. 12. It-tieni rekwiżit skond dak l-istess artikolu hu li l-appellanti trid tissodisfa lill-Qorti li hi għandha *probabilis causa litigandi.* Din timplika li l-Qorti

*għandha tkun sodisfatta* li l-*appell* ma kienx wieħed frivolu, li kellu sostanza fil-liġi u li kien allura jimmerita konsiderazzjoni in kwantu l-aggravju kien jippreżenta kontestazzjoni serja tal-motivazzjoni ta' l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Dan ma jfissirx *illi l-Qorti trid tkun sodisfatta mill-validità ta' dak l-*aggravju sal-punt illi tkun tista' tiddeċidi definittivament l-appell, imma biss illi wara sottomissjonijiet preliminari tal-kontendenti dwar l-aggravju, din il-Qorti tkun waslet għall-konklużjoni illi dan ikun jimmerita approfondiment u trattazzjoni ulterjuri biex din il-Qorti ta' reviżjoni tkun tista' tgħaddi ġudizzju dwar il-korrettezza fil-fatt u fid-dritt tal-ġudikat ta' l-Ewwel Qorti. Fil-każ taħt eżami din il-Qorti semgħet dawn is-sottomissjonijiet preliminari u hi sodisfatta illi l-aggravju ta' l-appellanti ma jistax jiġi kkwalifikat bħala frivolu, hu mmotivat fil-liġi u jimmerita li jiġi ulterjorment *indagat*. L-aggravju *jimporta nfatti punti* ta' nterpretazzjoni ta' dritt li kif jidher ukoll mir-risposta eżawrijenti ta' l-appellati jeħtieġ li jiġu sewwa epurati u deċiżi in kwantu jista' jkollhom valur determinanti fil-valutazzjoni tal-motivazzjoni tas-sentenza appellata *li wasslet għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi*;

F'dan l-istadju mhux opportun li din il-Qorti tesprimi ruħha oltre dwar l-aggravju ta' l-appellanti jew il-kontestazzjoni tiegħu da parti ta' l-appellati. Dana biex ma tkunx qed tippreġudika bla bżonn l-eżitu finali u biex tagħti lill-kontendenti l-opportunità sħiħa li jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fil-meritu liberament u bla xkiel ta' opinjoni preventiva ta' din il-Qorti. Jingħad biss li din il-Qorti hi sodisfatta illi l-appellanti għandha *probabilis causa litigandi*;

Għal dawn il-motivi billi l-appellanti ssodisfat iż-żewġ rekwiżiti ta' l-artikolu 904 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, din il-Qorti qed tammettiha skond dik id-disposizzjoni għall-*cautio iuratoria* u benefiċċju tal-garanzija permezz tal-ġurament tagħha bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju

finali;

Il-Qorti tiddiferixxi l-kawża għat-trattazzjoni fil-meritu.

---